Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/2246

13.10.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/2246

tat-12 ta' Ottubru 2026

li ġedded l-approvazzjoni tal-aċidu idrokloriku għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 2 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(4), il-punt (a), tiegħu,

Billi:

(1) L-aċidu idrokloriku ġiet inkluża fl-Anness I tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 2 (diżinfettanti taż-żona privata u taż-żoni tas-saħħa pubblika u prodotti bijoċidali oħra). Għalhekk, skont l-Artikolu 86 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, jitqies bħala approvat skont dak ir-Regolament soġġett għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 98/8/KE. Dik l-approvazzjoni kellha tiskadi fit-30 ta' April 2024. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2619 ipposponiet dik id-data tal-iskadenza għall-31 ta' Ottubru 2026 ([3]).

(2) Fit-26 ta' Ottubru 2022, tressqet applikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 għat-tiġdid tal-approvazzjoni tal-aċidu idrokloriku għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 2 ("l-applikazzjoni"). L-applikazzjoni ġiet evalwata mill-awtorità kompetenti tal-Latvja ("l-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni").

(3) Fl-10 ta' Ġunju 2025, f'konformità mal-Artikolu 14(2), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, l-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni ppreżentat rakkomandazzjoni dwar it-tiġdid tal-approvazzjoni tal-aċidu idrokloriku lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzija").

(4) F'konformità mal-Artikolu 75(1), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, il-Kumitat dwar il-Prodotti Bijoċidali ħejjiji l-opinjoni tal-Aġenzija rigward l-applikazzjonijiet għat-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi. Il-Kumitat adotta l-opinjoni tal-Aġenzija fil-25 ta' Frar 2026 ([4]), wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni.

(5) Fl-opinjoni tagħha, l-Aġenzija kkonkludiet li l-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 2 li fihom l-aċidu idrokloriku jistgħu jkunu mistennija li jibqgħu jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 19(1), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, dment li jkun hemm konformità ma' ċerti kundizzjonijiet li jikkonċernaw l-użu tagħhom. Għalhekk, il-kundizzjonijiet għat-tiġdid stabbiliti fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, moqri flimkien mal-Artikolu 4(1) tiegħu, jitqiesu ssodisfati.

(6) Għalhekk, jixraq li l-approvazzjoni tal-aċidu idrokloriku għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 2 tiġi mġedda, soġġetta għall-konformità ma' ċerti kundizzjonijiet.

([1]) ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj.
([2]) Id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1998/8/oj).
([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2619 tal-24 ta' Novembru 2023 li tipposponi d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-aċidu idrokloriku għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 2 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L, 2023/2619, 27.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2023/2619/oj).
([4]) L-Opinjoni tal-Kumitat dwar il-Prodotti Bijoċidali (BPC, Biocidal Products Committee) dwar l-applikazzjoni għat-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva: Aċidu idrokloriku, Tip ta' prodott: 2, ECHA/BPC/523/2026, adottat fil-25 ta' Frar 2026.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-approvazzjoni tal-aċidu idrokloriku għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 2 hija mġedda, soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Ottubru 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Isem Komuni	Isem IUPAC Numri ta' Identifikazzjoni	Grad minimu ta' purità tas-sustanza attiva ([1])	Data tal-iskadenza tal-approvazzjoni	Tip ta' Prodott	Kundizzjonijiet speċifiċi
Aċidu idrokloriku	Klorur tal-idroġenu Numru KE: 231-595-7 Nru CAS: 7647-01-0	99,9 %	fit-30 ta' Settembru 2041.	2	L-awtorizzazzjoni tal-prodotti bijoċidali li jużaw l-aċidu idrokloriku bħala sustanza attiva hija soġġetta għall-kundizzjonijiet li ġejjin: (a) il-valutazzjoni tal-prodott tagħti attenzjoni partikolari għall-esponimenti, għar-riskji u għall-effikaċja marbutin ma' kull użu kopert minn applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni, iżda li ma ġewx indirizzati preċedentement fil-valutazzjoni tas-sustanza attiva fil-livell tal-Unjoni; (b) il-valutazzjoni tal-prodott tagħti attenzjoni partikolari lill-utenti mhux professjonali.

([1]) Il-purità indikata f'din il-kolonna kienet il-grad minimu ta' purità tas-sustanza attiva evalwata. Is-sustanza attiva fil-prodott li jsir disponibbli fis-suq tista' tkun tal-istess purità jew ta' purità differenti jekk ikun ġie ppruvat li hija teknikament ekwivalenti għas-sustanza attiva evalwata.